MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Appell Civili Numru. 452/2010/1

**Maria Spiteri (ID 114261M)**

**vs**

**Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Ltd u Gasan Mamo Insurance Ltd**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fit-23 ta' Novembru 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ppronunzjat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti,***

*Rat illi l-attrici pprezentat rikors nhar it-28 ta' Ottubru 2010 fejn talbet lil din il-Qorti tiddikjara u konsegwentement tordna li s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet '**Maria Spiteri vs Richard Nigel Newbould',** Avviz numru 319/2007MM, deciza fis-16 ta'*

*Gunju 2008 hija anke ezegwibbli kontra s-socjetajiet intimati.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax u l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.*

*Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata GasanMamo Insurance Limited datata 9 ta' Novembru, 2010 fejn eccepiet is-segwenti:-*

*1. "Illi t-talbiet rikorrenti in kwantu huma naxxenti minn incident awtomobilistiku illi sehh fit-12 ta' Mejju 2006 huma preskritti ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghandhom ghalhekk jigu michuda bl-spejjez kontra l-istess rikorrenti.*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet*
*rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u dana stante li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejnha u bejn is-socjeta' eccipjenti, la ex delictu, la ex contractu, u lanqas ex lege, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*3. Illi sabiex is-sentenza fl-ismijiet "***Maria Spiteri vs Richard Nigel Newbould***" (Avviz Nru. 319/2007MM) deciza fis-16 ta' Gunju 2008 tigi reza ezegwibbli direttament fil-konfront ta' assikuratur awtorizzat, kif definit fil-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kellha tigi rispettata l-procedura tassattiva stipulata fl-Art. 10 (2) (a) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta illi jghid illi:-*

*"Ebda somma ma jkollha tithallas mill-assiguratur awtorizzat taht id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu*

*(a) b'effett ta' sentenza, kemm-il darba qabel jew fi zmien sebat ijiem wara tmiem il-provi ta' l-attur fil-procediment li fih tkun giet moghtija s-sentenza, ma jinghatax avviz ta' dak il-procediment b'att gudizzjarju lill-assiguratur awtorizat."*

*4. Illi bhala fatt, ir-rikorrenti Spiteri qatt ma baghtet l-ebda att gudizzjarju lis-socjeta' esponenti, la qabel il-kawza fl-ismijiet 'Maria Spiteri vs Richard Nigel Newbould' (Avviz Nru. 319/2007 MM), u lanqas sa zmien sebat ijiem mill-gheluq il-provi taghha fl-istess kawza. Ir-rekwiziti tal-ligi fl-artikolu sucitat huma tassattivi u cari ghall-ahhar, u jekk ir-rikorrenti Spiteri (wara illi naqqset illi tivverifika l-identita` ta' l-assikuratur awtorizzat, kif kellha kull fakolta' illi taghmel) iddecidiet ukoll illi tinjora ghal kollox dawn irrekwiziti imposti mill-ligi, certament m'hijiex is-socjeta' eccipjenti illi ghandha twiegeb ghan-nuqqasijiet tar-rikorrenti Spiteri stess.*

*5. Illi ghaldaqstant il-kawza odjerna hija improponibbli l-ghaliex permezz tat-talbiet taghha, ir-rikorrenti qieghda essenzjalment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tagixxi ultra vires billi twarrab u tinjora ghal kollox id-disposizjonijiet ta' l-Artikolu tal-ligi sucitat (u cioe' l-Artikolu 10 (2) (a) tal-Kap. 104) u timponi soluzzjoni illi tmur kontra l-proceduri imposti ad validitatem mil-ligi – u dana minkejja illi r-rikorrenti Spiteri ma offriet l-ebda gustifikazzjoni valida il-ghalfejn hi stess ma osservatx dawn ir-rekwiziti meta kellha kull opportunita` sabiex taghmel hekk.*

*6. Illi kwindi s-socjeta' GasanMamo Insurance Limited m'ghandha l-ebda obbligu legali illi thallas kwalunkwe somma ta' danni lir-rikorrenti Spiteri, inkluzi dawk naxxenti mis-sentenza fuq citata izda se mai r-rikorrenti ghandha d-dritt biss illi tezegwixxi t-titolu ezekuttiv taghha kontra Richard Nigel Newbould abbazi tas-sentenza moghtija kontrih mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-16 ta' Gunju 2008, fl-ismijiet imsemmija.*

*7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond kif permess mil-ligi."*

*Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited datata 8 ta' Novembru 2010 fejn eccepiet is-segwenti:-*

*1. "Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*2. Illi hemm preskrizzjoni ta' sentejn li hi applikabbli.*

*3. Illi d-ditta eccipjenti hija biss ditta ta' Insurance Brokers u bhala tali bl-ebda mod ma tassikura riskji. Hi taghti biss servizz billi issib underwriters li jkunu huma li jassikuraw ir-riskji. Fil-fatt anke r-rapport tal-incident mahrug mill-Pulizija ma jindikax lid-ditta eccipjenti bhala assikuraturi tal-persuna li kienet involuta fl-incident awtomobilistiku (Nigel Newbould).*

*4. Illi intant l-anqas l-ittra ufficjali ai termini tal-Kap 104, suppost issir sabiex l-assikuratur jassumi responsabbilita' ma saret skont il-ligi ghaliex trid issir meta tinfetah i-lkawza rigwardanti l-incident, b'mod li l-assikuratur ikun jista isegwi il-kawza. Kienet saret biss ittra ufficjali fil-25 ta' April 2007 pero` din kienet waha ta' intimazzjoni biss li kienet qed thedded kawza u li pero' ma tindikax li saret kawza. Fil-fatt l-avviz 319/2007 li dwaru l-attrici qed titlob esekuzzjoni kontra l-konvenuti, gie prezentat wara dik id-data. Ghalhekk l-iskop tal-ittra kif trid il-ligi ma setax jintlahaq – cioe' dak li l-assikuratur ikun jista' isegwi u jiddefendi ruhu fil-kawza. Anke f'dan is-sens l-attrici ma tistax issa iddur fuq xi assikuratur jew multo magis fuq xi ditta ta' I-nsurance Brokerage li kif gia inghad ma jassikurawx riskji.*

*5. Illi fil-fatt fl-ittra ufficjali maghmula mill-attrici tissemma l-polza tal-assikurazzjoni li tindika n-numru GMI 2005/1434 – l-ittri GMI jirreferu ghal GasanMamo Insurance u 2005 ghas-sena li fiha inharget il-polza minn dik id-ditta li fil-fatt kienet id-ditta assikuratrici.*

*6. Illi l-attrici m'ghandha ebda ness legali mad-ditta eccipjenti.*

*7. Ili referenza issir ghal l-Artikolu 10 (2) tal-Kap. 104 li jghid:*

*Art 10(2) "No sum shall be payable by an authorised insurer under the foregoing provisions of this article – (a) in respect of any judgment, unless before or within seven days after the conclusion of the evidence of the plaintiff in*

*the proceedings in which the judgement was given, the authorised insurer had notice of the bringing of the proceedings by means of a judicial act."*

*Dan l-artiklu jfisser li d-ditta assikuratrici trid tigi mgharrfa li kawza qed tigi ma jistax jigi mistenni joqghod ifittex kull jum fir-registru tal-Qorti biex jara jekk tali kawza gietx miftuha sabiex isegwiha u jiddefendi ruhu. L-ittra ufficjali li kienet ghamlet l-attrici kienet tindika li l-kawza kienet ghadha ma infethitx.*

*8. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ma jistghux jintlaqghu u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici."*

*Ikkunsidrat:*

*Illi nhar id-19 ta' Jannar 2011 xehdet l-attrici* ***Maria Spiteri*** *u pprezentat l-affidavit taghha flimkien ma' numru ta' dokumenti li gew mmarkati bhala Dok MS1 sa MS 6 rispettivament. L-attrici spjegat illi hija kienet involuta f'incident awtomobilistiku li sehh fit-12 t' Mejju 2006 gewwa Bugibba meta kienet sfat imtajra minn vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAA-636 misjuqa minn certu Richard Nigel Newbould. Spjegat illi l-incident sehh meta hija kienet qed taqsam proprju fuq iz-zebra crossing. Qalet li involuti f'dan l-incident kien hemm vetturi ohra u lkoll thallsu ghad-danni subiti minnhom salv u b'eccezzjoni ghaliha.*

*Spjegat ukoll illi hija sofriet diversi feriti u ghadha issofri bil-konsengwenza ta' dan l-incident sallum. Ikkonfermat li l-pulizija esekuttiva kienet resqet lil dan Newbould lil Qorti u akkuzatu b'diversi reati fosthom dak ta' sewqan negligenti u traskurat u dan Newbould kien irregistra ammissjoni fl-ewwel seduta u naturalment kien instab hati tal-akkuzi.*

*In segwitu hija kitbet ittra legali lis-sewwieq li tajjarha sabiex tigi kumpensata tad-danni li sofriet u anke kienet kitbet lil xi socjeta' assikuratrici u tali socjeta' qatt ma wigbitha lanqas sabiex tinformha li ma kenitx is-socjeta' assikuratrici ta' Newbould. Qalet li kienet ipprezentat ittra*

*ufficjali kontra s-socjeta' AON qabel maipprezentat ir-rikors odjern u dan bil-ghan li tissodisfa r-rekwiziti tal-Kapitolu 104. Hija innotifikat din is-socjeta` darbtejn (vide dokumenti esebiti a fol. 28 u 29 b'zewg ittri ufficjali mibghuta mill-attrici lis-socjeta' AON Malta Ltd u lil Newbould liema ittri gew notifikati) u kellha tappunta kuraturi deputati sabiex jircievu l-ittra ufficjali li saret kontra Newbould peress li kien imsiefer. Qalet li wara kienet ipprezentat kawza u din giet deciza u tiftakar ukoll li Dr. Owen Bonnici, li kien qed jidher ghall-konvenuti, kien qalilha li kien ser jaghmel mill-ahjar sabiex il-konvenuti jhalsuha. (vide Dok 'MS 6' fol. 30 li huwa sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Richard Nigel Newbould' moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.*

*Wara, l-attrici kienet ghamlet ittra ufficjali lis-socjeta' AON u anke harget mandati esekuttivi (vide Dok MS2 a fol. 23 fl-ismijiet 'Maria Spiteri vs Richard Nigel Newbould u AON Malta Ltd' u kien f'dan l-istadju li saret taf li s-socjeta' assikuratrici ta' Newbould kienet GasanMamo Insurance. Sostniet, li peress li kienet innotifikat lir-rapprezentanti tas-socjeta', GasanMamo Insurance xorta wahda kellhom jaghmlu l-hlas. Fil-fatt tghid li ghall-ewwel din is-socjeta', cioe' GasanMamo, kienet ser thallasha izda kollox kien waqaf fuq ordni ta' Dr. Zammit Maempel. Qalet li sallum hija ma tistax tiekol minhabba l-ksur li kellha, ghandha problemi kbar fil-hanek ta' halqha u qed tonfoq hafna spejjez f'dan ir-rigward li huma hafna aktar milli nghatat mill-Qorti.*

*L-attrici iddikjarat li s-socjeta' konvenuta Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited giet assenjata l-interessi tas-socjeta' AON. Hasset li s-socjeta' AON dahket biha ghaliex nonostante li kienet kitbitilha diversi drabi, qabel ma kienet ipprezentat il-kawza li gja giet deciza (vide Dok. 'MS3' fl-ismijiet 'Maria Spiteri vs Richard Nigel Newbould'), din is-socjeta' qatt ma gharfitha li ma kenitx is-socjeta' assikuratrici li kellha tigi indirizzata.*

*Qalet ukoll li Newbould illum il-gurnata ma jghix hawn Malta aktar.*

*L-attrici, mistoqsija in kontro-ezami nhar id-9 ta' Marzu 2011 jekk effettivament qattx ipprezentat ittra ufficjali kontra s-socjeta' GasanMamo Insurance bejn il-perijodu 12 ta' Mejju 2006 u 12 ta' Mejju 2008 wiegbet li kull dokument li pprezentat jinsab esebit il-Qorti f'dawn l-atti. Ikkonfermat ukoll li ma ipprezentat l-ebda ittra ufficjali meta pprezentat il-kawza quddiem il-Magistrat, illum Imhallef Michael Mallia.*

*Illi nhar il-15 ta' Frar 2011 gie prezentat affidavit ta'* ***Jean Pierre Zammit*** *fil-kwalita` tieghu ta' Divisional Director fuq claims mas-socjeta` Mediterranean Insurance Brokers (MIB). Spjega illi s-socjeta` MIB hija biss socjeta` insurance Brokers (MIB). Spjega illi s-socjeta` MIB hija biss socjeta` ta' Insurance Brokers u bhala tali bl-ebda mod ma tassikura riskji. Qal li huma bl-ebda mod ma zvijaw lill-attrici biex tahseb li huma kienu d-ditta assikuratrici. Sostna illi huma jaghtu bis-servizz billi isibu underwriters li jkunu huma li jassikuraw ir-riskju. Qal li huma m'ghandhomx ness kontrattwali ma' l-attrici. Iddikjara wkoll li a kuntrarju ta' dak li tghid l-atttrici, lanqas fir-rapport tal-pulizija ma jirrizulta li huma kienu l-assikuraturi ta' Newbould.*

*Jean Pierre Zammit qal ukoll li lanqas ittra ufficjali ai termini tal-Kap. 104 li ghandha issir sabiex l-assikuratur jassumi r-responsabbilita' ma saret skont il-ligi, u dan ghaliex huwa jsostni li din ghandha issir flimkien meta tinfetah il-kawza u mhux qabel. Qal li l-ittra ufficjali li saret fil-25 ta' April 2007 kienet isservi bhala intimazzjoni biss li qed thedded kawza u mhux li saret kawza. Tenna li fil-fatt, l-avviz numru 319/2007 gie prezentat wara li giet prezentata din l-ittra ufficjali fil-25 ta' April 2007.*

*Ghalhekk l-iskop tal-ligi li l-assikuratur ikun jista' jiddefendi lilu innifsu ma jistax jintlahaq permezz ta' din l-ittra ufficjali. Sostna wkoll li fl-ittra ufficjali hemm imsemmija l-polza li kien hemm mas-socjeta' GasanMamo Inurance li fil-fatt kienet id-ditta assikuratrici.*

*Ix-xhud ghamel referenza ghall-artikou 10 (2) tal-Kap.104 tal-ligijiet ta' Malta li gja hemm referenza ghalih aktar 'il fuq.*
*Huwa qal li skont dan l-artikolu s-socjeta' assikuratrici ghandha dejjem tigi mgharfa b'kawza fil-bidu taghha.*

*Ghalhekk ikkonkluda li t-talbiet attrici zgur li ma jistghux jigu milqugha fil-konfront tal-konvenuti.*

**Max Borg Bonello** *senior supervisor fil-motor claims department tas-socjeta' GasanMamo Insurance kkonferma li nhar it-12 ta' Mejju 2006 kien hemm incident awtomobilistiku u s-sewwieq tal-vettura Richard Nigel Newbould kien inxurjat maghhom. Ikkonferma li l-attrici kienet pedestrian f'dan l-incident u kienet korriet apparti li kien hemm vettura ohra li kienet ipparkjata waqt dan l-incident li wkoll sofriet danni.*

*Ix-xhud ikkonferma li kienu ircevew ittra ufficjali mill-avukat*
*difensur tal-attrici li l-patrocinata tieghu kienet korriet u li kienet qed titlobhom li jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti minnha. Mistoqsi jekk f'din l-ittra kienx hemm xi referenza ghal xi kawza, wiegeb fin-negattiv. In segwitu nhar l-14 ta' Lulju 2008 ircevew ittra legali ohra fejn intalbu jhallsu l-ispejjez ta' kawza bin-Numru 319/2007MM fl-ismijiet 'Maria Spiteri vs Richard Nigel Newbould'. Apparti dawn iz-zewg ittri ma ircevew l-ebda ittra ohra minghand l-attrici. Qal li s-socjeta' AON qatt ma kienet involuta fil-kawza li kienet giet deciza, waqt li s-socjeta' MIB, li dahlet fil-kawza gja deciza, kienu l-brokers tal-klijent taghhom. Ikkonferma li s-sewwieq tal-vettura li kienet stazzjonata, li kien Mario Debono, thallas ghad-danni li sofriet il-vettura, u dan in segwitu ta' kawza li kien ghamel lilhom. Il-pagament li sar lil Debono kien sar minnhom ghaliex kienu gew notifikati bil-kawza li kien ghamel dan Debono.*

*Illi nhar is-16 ta' Gunju 2011 Max Borg Bonello rega' xehed u esebixxa kopja ta' ittra ufficjali li saret mis-socjeta' Middle Sea Insurance kontra s-socjeta' GasanMamo Insurance fis-27 ta' Marzu 2007 liema dokument gie mmarkat bhala Dok 'Z'. Huwa esebixxa*

*wkoll kopja tal-korrispondenza li ghaddiet fir-rigward dak il-kaz li l-mertu tieghu gja gie deciz liema korrispondenza giet mmarkata bhala Dok 'X'. Esebixxa wkoll kopja tas-sentenza li inghatat mill-Bord tal-Arbitragg rigward din il-kawza li giet mmarkata bhala Dok 'Y'. Qal li s-socjeta' MIB ma rraprezentatx lis-socjeta' GasanMamo Insurance izda lill-klijent taghha.*

*Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' intimata Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-6 ta' Settembru 2011 (fol. 77).*

*Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' intimata GasanMamo Insurance Limited prezentata nhar it-22 ta' Settembru 2011 (fol. 81).*

*Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici Maria Spiteri prezentata nhar l-14 ta' Settembru 2011 (fol. 88).*

*Rat il-verbal taghha tal-5 ta' Ottubru 2011 fejn gie verbalizzat illi l-atti huma regolarizzati u li ghalhekk, in difetto ostakolo, il-kawza thalliet ghas-sentenza.*

*Illi mill-atti processwali, u mill-provi prodotti, l-Qorti jirrizultaw is-segwenti fatti:*

*i. Ir-rikorrenti Maria Spiteri, sfat imtajra minn Richard Nigel Newbould waqt li dan kien qieghed isuq il-vettura GAA-636 nhar it-12 ta' Mejju 2006, waqt li hija kienet qieghda taqsam minn fuq zebra crossing gewwa Bugibba;*

*ii. F'dan l-incident, kien hemm involuti ukoll xi vetturi pparkjati u dan billi dan Richard Nigel Newbould baqa' diehel fihom;*

*iii. Ir-rikorrenti kienet giet infurmata mis-surgent li investiga l-kaz li l-assikurazzjoni tas-sewwieq kienet is-socjeta' AON.*

*iv. Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ammetta l-istess akkuzi*

*migjuba kontrih fir-rigward, tal-incident li kien sehh fit-8.45p.m. fi Triq il-Pijunieri, kantuniera ma' Triq Gulju c-Centurjun, gewwa Bugibba nhar it-12 ta' Mejju 2006 u li fih, fost affarijiet ohra, sfat imtajra r-rikorrenti;*

*v. Qabel ma infethu l-proceduri gudizzjarji mir-rikorrenti u cioe` dawk li jgibu n-numru 319/07/MM fl-ismijiet 'Maria Spiteri vs Richard Nigel Newbould' deciza fit-18 ta' Gunju 2008, l-istess rikorrenti hadet hsieb li tinnotifika lis-socjeta' AON u lil Richard Nigel Newbould. Mill-atti processwali jirrizulta li r-rikorrenti pprezentat is-segwenti ittri ufficjali:*

*a) Fil-25 ta' April 2007 kontra AON Malta Limited u Nigel Richard Newbould. Din l-ittra ufficjali li ggib n-numru 2313/07 giet notifikata lill-AON Malta Limited fit-30 ta' April 2007. Peress li Newbould baqa' qatt ma gie notifikat, ir-rikorrenti talbet li jigi nominat kuratur deputat sabiex jiehu hsieb l-interessi ta' Newbould u b'digriet datat 6 ta' Gunju 2007 gie nominat l-Avukat Dr. Mark Busuttil. Dan tal-ahhar imbaghad gie notifikat b'din l-ittra ufficjali fit-8 ta' Gunju 2007.*

*b) Fis-16 ta' Gunju 2010 kontra Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited u GasanMamo Insurance Limited. Din l-ittra ufficjali li ggib n-numru 2477/10 giet notifikata lil Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited fit-23 ta' Gunju 2010 u lil GasanMamo Insurance Limited fis-26 ta' Gunju 2010.*

*vi. Illi b'sentenza datata 16 ta' Gunju 2008 fl-ismijiet 'Maria Spiteri vs Richard Nigel Newbould' (Avviz Nru. 319/07 MM) din il-Qorti, kif diversament ippreseduta kkundannat lill-imsemmi Richard Nigel Newbould ihallas lir-rikorrenti odjerna s-somma ta' €11,392.13. Din il-kawza kienet giet pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-16 ta' Ottubru 2007.*

*vii. Illi wara li nghatat is-sentenza minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, u wara li r-rikorrenti odjerna talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat esekuttiv, hija giet infurmata li l-assikurazzjoni ta' Richard Nigel Newbould kienet is-socjeta' intimata l-ohra GasanMamo Insurance*

*Limited u li s-socjeta' AON kienet biss broker. Il-mandat in kwistjoni huwa dak li jgib in-numru 3316/08 u inhareg fl-10 ta' Novembru 2008 mir-rikorrenti Maria Spiteri kontra Richard Nigel Newbould u AON Malta Limited. Dan gie akkordat mill-Qorti l-ghada u cioe' fil-11 ta' Novembru 2008.*

*viii. Ir-rikorrenti Maria Zammit stqarret fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2011 li kull haga li hija pprezentat jinsab esebit il-Qorti u li hija ma pprezentat l-ebda ittra ufficjali meta hija pprezentat il-kawza numru 319/07.*

*ix. Skont ma jirrizulta mill-verbal datat 19 ta' Jannar 2011, Dr. Ray Zammit ghas-socjeta' intimata Mediterranean Insurance Brokers Limited iddikjara li s-socjeta' minnu rapprezentata hija s-successur fil-ligi tadditta AON Malta Limited.*

*x. Jean Pierre Zammit, rapprezentant tas-socjeta' intimata Mediterranean Insurance Brokers Limited, stqarr illi s-socjeta' minnu rapprezentata hija biss insurance broker u bhala tali bl-ebda mod ma tassikura r-riskji. Is-socjeta' intimata toffri servizz billi ssib underwriters li jkunu huma imbaghad li jassikuraw ir-riskji. Ghalhekk, huwa jghid li ma hemm l-ebda rabta kontrattwali bejn is-socjeta' minnu rapprezentata u r-rikorrenti.*

*Ghar-rigward tal-ittra ufficjali numru 2313/07 u li giet notifikata lill-AON Malta Limited fit-30 ta' April 2007, ix-xhud Jean Pierre Zammit qal li din ma saritx skont ma hemm mahsub fil-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Skont dan ix-xhud, f'din l-ittra ufficjali kien hemm intimazzjoni ta' theddida ta' kawza u mhux li saret kawza. Ghalhekk, qal li "l-iskop tal-ittra kif trid il-ligi ma setax jintlahaq – cioe' dak li l-assikuratur ikun jista' isegwi u jiddefendi ruhu fil-kawza".*

*Dan ix-xhud ikkonferma li theddida li xi darba ser tinfetah kawza mhijiex bizzejjed ghaliex assikuratur ma jistax jigi mistenni joqghod ifttex kull jum fir-registru tal-Qorti biex jara jekk tali kawza gietx miftuha sabiex isegwiha u jiddefendi ruhu".*

*xi. Max Borg Bonello, senior supervisor fis-socjeta' intimata GasanMamo Insurance Limited, stqarr li fit-12 ta' Mejju 2006 kien hemm incident awtomobilistiku u s-sewwieq tal-vettura koncernata u cioe' Richard Nigel Newbould kien assigurat maghhom.*

*Dan ix-xhud ammetta wkoll il-fatt li fit-3 ta' Gunju 2007 is-socjeta` minnu rappresentant kienet irceviet ittra ffirmata mill-Avukat Edward Gatt, id-difensur tar-rikorrenti, fejn fiha informahom li r-rikorrenti odjerna Maria Spiteri "kienet wegghet u talabna sabiex naghmlu tajjeb ghad-danni sofferti minnha". F'din l-ittra ma kien hemm l-ebda referenza ghal xi kawza jew proceduri legali. Fl-14 ta' Lulju 2008, is-socjeta' intimata GasanMamo Insurance Limited kienet irceviet ittra ohra legali ffirmata wkoll minn Dr. Edward Gatt ghan-nom ta' Maria Spiteri. Ma' din l-ittra kien hemm taxxa ta' kawza li kienet giet deciza fl-ismijiet 'Marija*
*Spiteri vs Richard Nigel Newbould', Avviz Nru. 319/07 MM.*

*Meta gie mistoqsi jekk is-socjeta' minnu rapprezentata qattx irceviet xi ittra ufficjali, apparti dawn iz-zewg ittri legali waqt l-andament tal-kawza, huwa wiegeb fin-negattiv.*

*Dwar is-socjeta' intimata l-ohra u cioe' l-Mediterranean Insurance Brokers Limited, dan ix-xhud qal li din kienet il-broker tal-klijenti taghhom. Imbaghad ghar-rigward ta' l-imsemmi incident li sehh gewwa Bugibba fit-12 ta' Mejju 2006, huwa sostna li s-socjeta' intimata minnu rapprezentata kienet hallset lil certu Mario Debono, li kellu l-vettura tieghu milquta mill-vettura misjuqa minn Newbould, u dan peress li kienet saret kawza kontra s-socjeta' minnu rapprezentata u wkoll minhabba l-fatt li huma kienu notifikati bil-kawza li kien ghamel dan Debono.*

*Ikkunsidrat ulterjorment;*

*Illi f'din il-kawza, r-rikorrenti qeghda titlob li din il-Qorti tiddikjara li s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet 'Maria Spiteri vs Richard Nigel Newbould' (Avviz Nru. 319/07 MM) deciza fis-16 ta' Gunju 2008 hija esegwibbli kontra s-socjetajiet intimati.*

*Iz-zewg socjetajiet intimati laqghu ghal din l-azzjoni billi t-tnejn li huma ecceppew il-preskrizzjoni. Fil-waqt li s-socjeta' intimata GasanMamo Insurance Limited indikat l-artikolu tal-ligi relattiv u cioe' l-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16, is-socjeta' l-ohra Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited baqghet ma ghamlitx dan, lanqas fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha.*

*Fil-fehma tal-Qorti, f'din il-kawza, l-Artikolu tal-Ligi kwotat ma huwiex applikabbli. Kif gustament osservat ir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, hija resqet azzjoni sabiex tirrendi esegwibbli s-sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-16 ta' Gunju 2008 fil-konfront tas-socjetajiet intimati. L-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 jghid illi "l-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn". Hija ma hijiex tfittixhom ghal xi hsarat li gew kawzati, izda sabiex is-sentenza li inghatat minn din il-Qorti fil-konfront ta' Richard Nigel Newbould nhar is-16 ta' Gunju, 2008 tigi reza esegwibbli kontrihom. Id-danni gew dibattuti u likwidati f'dik il-kawza u mhux f'din il-kawza, li titkellem biss dwar l-esegwibbilita'. Illi ghalhekk, din l-eccezzjoni tas-socjeta' intimata GasanMamo Insurance Limited qieghda tigi michuda.*

*Ghar-rigward ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn mqanqla mis-socjeta' intimata l-ohra u cioe' l-Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited, kif diga' inghad, din is-socjeta' baqghet qatt ma iccitat l-artikolu relattiv tal-ligi ghar-rigward ta' din il-preskrizzjoni. Il-Qorti ma tistax 'ex officio' taghti effett ghal preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata – Artikolu 2111 tal-Kodici Civili – u ma ghandhiex ghalhekk tfittex biex tara kienx applikabbli ghal kaz in dizamina xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx giet indikata b'mod car u esplicitu minn min jinvokaha (Vol. XXXIII/I/481; u Francis Bugeja*

*nomine vs Indri Mercieca, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Mejju, 2000). Din il-Qorti tista' tieqaf hawn ghar-rigward ta' din l-eccezzjoni, pero jekk is-socjeta' intimata Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited qed tirreferi ghall-istess artikolu invokat mis-socjeta' intimata l-ohra GasanMamo Insurance Limited, allura l-istess kunsiderazzjonijiet taghha huma applikabbli.*

*Imiss issa jigi dibatut il-punt imqanqal mis-socjeta' intimata Mediterranean Insurance Brokers fit-tielet eccezzjoni taghha u cioe li hija ditta ta' insurance brokers u bhala tali bl-ebda mod ma tassikura riskji. Din is-socjeta' konvenuta tkompli tghid fit-tielet eccezzjoni taghha illi "Hi taghti biss servizz billi issib underwriters li jkunu huma li jassikuraw ir-riskji". Il-Qorti tqis din l-eccezzjoni ta' din is-socjeta' konvenuta bhala wahda valida. Ibda biex, skont il-gurisprudenza lokali, "l-agent jitqies bhala l-mandatarju tal-assikurat u mhux tal-kumpanija assikuratrici (ara Zammit vs Micallef, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-31 ta' Jannar, 1952 (Kollez. Vol. XXXVI.III.610) u Vassallo vs Azzopardi, deciza minn din il-Qorti fil-21 ta' April, 1999)" Ara '***Calcidon Vella vs Gasan Mamo Insurance Agency Limited noe***' deciza mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Marzu 2008 per Onor. Imh. T. Mallia. Inoltre, l-Att dwar l-Intermedjarji fl-Assigurazzjoni (Kapitolu 487 tal-Ligijiet ta' Malta) il-broker fl-assikurazzjoni huwa deskritt bhala dik il-persuna jew kumpanija li "b'libertà assoluta dwar l-ghazla taghhom ta' assiguraturi legittimi, ilaqqghu flimkien, bil-hsieb ta' assigurazzjoni jew rijassigurazzjoni ta' riskji jew irbit, persuni li jkunu qed ifittxu assigurazzjoni jew rijassigurazzjoni u assiguraturi jew riassiguraturi, jaghmlu xoghol preparatorju biex jikkonkludu kuntratti ta' assigurazzjoni jew rijassigurazzjoni u, meta jkun xieraq, jassistu fl-amministrazzjoni u twettiq ta' dawk il-kuntratti, b'mod partikolari fil-kaz ta' claim". Illi ghalhekk din l-eccezzjoni tas-socjeta' intimata Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited qeghda tigi milqugha.*

*Illi anke fir-rigward tas-socjeta' intimata l-ohra, l-istess talba attrici ma tistax tintlaqa'. Ir-rikorrenti, kif tghid tajjeb l-istess socjeta' GasanMamo Insurance Limited, ma*

*osservatx id-dettami tal-artikolu 10 (2) (a) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu tal-Ligi jghid hekk:*

*"(2) Ebda somma ma jkollha titħallas mill-assiguratur awtorizzat taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu-*

*(a) b'effett ta' sentenza, kemm-il darba qabel jew fi żmien sebat ijiem wara tmiem il-provi tal-attur fil-proċediment li fih tkun ġiet mogħtija s-sentenza, ma jingħatax avviż ta' dak il-proċediment b'att ġudizzjarju lill-assiguratur awtorizzat;"*

*Issa mill-provi prodotti, kull ma jirrizulta huwa li ntbaghtu zewg ittri legali (mhux ufficjali) lis-socjeta' intimata GasanMamo Insurance Limited mir-rikorrenti. L-ewwel ittra iggib id-data tat-3 ta' Gunju, 2007 fejn l-istess socjeta' intimata ntalbet sabiex taghmel tajjeb ghad-danni li soffriet ir-rikorrenti f'incident awtomobilistiku datat 12 ta' Mejju 2006. F'din l-ittra ma kien hemm l-ebda referenza, skont ma xehed Max Borg Bonello, ghal xi kawza jew proceduri legali. It-tieni ittra, u cioe' dik bid-data tal-14 ta' Lulju 2008 l-istess socjeta' intimata intalbet sabiex thallas it-taxxa tal-kawza fl-ismijiet 'Maria Spiteri vs Richard Nigel Newbould'. Di piu', r-rikorrenti stqarret, fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2011 li kull haga li hija pprezentat jinsab esebit il-Qorti u li hija ma pprezentat l-ebda ittra ufficjali meta hija pprezentat il-kawza numru 319/07. Illi minn dak kollu hawn espost, ghandu jirrizulta li r-rikorrenti naqset milli tinnotifika lis-socjeta' intimata GasanMamo Insurance Limited kif trid il-ligi stante li hi qatt ma interpellat lill-istess socjeta' intimata b'att gudizzjarju qabel jew fi zmien sebat ijiem wara tmiem il-provi tal-attur fil-procediment tal-kawza bin-numru 319/07 fl-ismijiet 'Maria Spiteri vs Richard Nigel Newbould', deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fis-16 ta' Gunju 2008. Kull ma jirrizulta hija ittra ufficjali bid-data tas-16 ta' Gunju 2010 li giet notifikata lis-socjeta' intimata GasanMamo Insurance Limited fis-26 ta' Gunju 2010, liema ittra ufficjali pero` qatt ma jista jkollha effett u sahha kontra l-istess socjeta' intimata ghax saret wara t-terminu impost tassattivament mil-ligi.*

***GHALDAQSTANT, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi dina l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni taz-zewg socjetajiet intimata, qieghda tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra u konsegwentement tichad it-talbiet attrici.***

***L-ispejjez ghar-rigward ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandhom jigu sopportati miz-zewg socjetajiet intimati in solidum bejniethom, filwaqt li l-ispejjez l-ohra kollha ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti."***

Rat ir-rikors tal-attrici Maria Spiteri ID 114261M datat 12 ta' Dicembru 2011 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat ir-risposta ta' Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited datata 21 ta' Dicembru 2011 a fol 7 tal-process fejn sostniet ghar-ragunijiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` appellata GasanMamo Insurance Limited (C3143) datata 4 ta' Jannar 2012 a fol 13 tal-process fejn sostniet ghar-ragunijiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi esklussivament kontra l-istess appellanti.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta' Mejju 2012.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta' Mejju 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Michael Zammit Maempel ghas-socjeta` appellata Gasan Mamo. Dehret l-appellanti Maria Spiteri li tat ruhha b'notifikata bl-atti kollha relattivi. Dr. Zammit Maempel rrimetta ruhu ghall-atti. Dr. Ray Zammit irrimetta ruhu ghall-atti wkoll. Dr. Edward Gatt imsejjah diversi drabi baqa' ma deherx. L-appell giet

differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghall-11 ta’ Ottubru 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 23 ta’ Novembru 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravju tal-appellanti huwa fis-sens li skond l-**artikolu 10 (2) (a) tal-Kap. 104** l-ittra ufficjali hemm indikata tista’ tinbaghat qabel ma ssir il-kawza u mhux biss meta ssir il-kawza jew wara li ssir il-kawza u fil-fatt hekk sar ghaliex l-ittra ufficjali tal-25 ta’ April 2007 intbghatet lill Nigel Newbould u lill Aon Insurance, u l-istess socjeta’ qatt ma indikat li kienet biss broker u li s-socjeta’ assiguratrici kienet is-socjeta’ GasanMamo Insurance Limited; is-socjeta’ l-ohra hija obbligata bhala broker li thallas lill-appellanti ghaliex hija tagixxi bhala intermedjarju u dan sija ghall hlas ta’ premium u sija ghall hlasijiet ohra u ghalhekk l-istess socjeta’ ghandha tinzamm responsabbli.

Illi l-fatti tal-kawza huma sew riportati fl-istess decizjoni u mill-istess provi jirrizulta li socjeta’ assikurattrici kienet is-socjeta’ GasanMamo Insurance Limited, u jidher car li fil-konfront taghha l-appellanti ma osservatx id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 10 (2) (a) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta** li jipprovdi li:-

*“(2) Ebda somma ma jkollha titħallas mill-assiguratur awtorizzat taħt id-disposizzjonijiet ta’ qabel ta’ dan l-artikolu-*

*(a) b’effett ta’ sentenza, kemm-il darba qabel jew fi żmien sebat ijiem wara tmiem il-provi tal-attur fil-proċediment li fih tkun ġiet mogħtija s-sentenza, ma jingħatax avviż ta’*

*dak il-proċediment b'att ġudizzjarju lill-assiguratur awtorizzat;"*

Illi mill-provi prodotti, kull ma jirrizulta huwa li ntbaghtu zewg ittri legali (mhux ufficjali) lis-socjeta' intimata GasanMamo Insurance Limited mir-rikorrenti. L-ewwel ittra iggib id-data tat-3 ta' Gunju, 2007 fejn l-istess socjeta' intimata ntalbet sabiex taghmel tajjeb ghad-danni li soffriet ir-rikorrenti f'incident awtomobilistiku datat 12 ta' Mejju 2006. F'din l-ittra ma kien hemm l-ebda referenza ghal xi kawza jew proceduri *legali.* It-tieni ittra, u cioe' dik bid-data tal-14 ta' Lulju 2008 l-istess socjeta' intimata intalbet sabiex thallas it-taxxa tal-kawza fl-ismijiet **"Maria Spiteri vs Richard Nigel Newbould".**

Illi l-istess r-rikorrenti/appellanti stqarret, fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2011 quddiem l-Ewwel Qorti li kull haga li hija pprezentat jinsab esebit il-Qorti u li hija ma pprezentat l-ebda ittra ufficjali meta hija pprezentat il-kawza numru 319/07. Illi minn dan jirrizulta li l-appellanti naqset milli tinnotifika lis-socjeta' intimata GasanMamo Insurance Limited kif trid il-ligi stante li hi qatt ma interpellat lill-istess socjeta' intimata b'att gudizzjarju qabel jew fi zmien sebat ijiem wara tmiem il-provi tal-attur fil-procediment tal-kawza bin-numru 319/07 fl-ismijiet 'Maria Spiteri vs Richard Nigel Newbould', deciza fis-16 ta' Gunju 2008. Kull ma jirrizulta hija ittra ufficjali bid-data tas-16 ta' Gunju 2010 li giet notifikata lis-socjeta' intimata GasanMamo Insurance Limited fis-26 ta' Gunju 2010, liema ittra ufficjali pero` qatt ma jista jkollha effett u sahha kontra l-istess socjeta' intimata ghax saret wara t-terminu impost tassattivament mil-ligi.

Illi dwar l-ittra tal-25 ta' April 2007 (Dok. "MS 5" – fol. 28) din kienet indirizzata lis-socjeta' Aon Limited llum Mediterranean Insurance (Brokers) Limited izda fl-ewwel lok l-istess socjeta' ma hjiex socjeta' assikuratrici tant li l-policy hemm indikata hija dik numru GMI12005/1434, u wkoll ma hemm l-ebda referenza ghall kawza attwalment istitieta – izda fuq kollox tali socjeta' ma hijiex "assiguratur awtorizzat" skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 104 li huwa deskritt bhala *"impriza li tkun irceviet l-awtorizzazzjoni*

*ufficjali taghha f'Malta biex tibda kummerc ta' assigurazzjoni direttea u li tmexxi kummerc ta' assigurazzjoni dwar responsabilita' obbligatorja ta' terzi ghar-rigward tal-uzu ta' vetturi bil-mutur".* Is-socjeta' appellata Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited mhux is-socjeta' assiguratrici ndikata fl-istess artikolu u ghalhekk tali ittra ufficjali ma hijiex dik indikata skond l-artikolu 10 (2) (a) tal-Kap. 104 u allura kull konsiderazzjoni ohra ghal fini ta' din il-kawza hija ghall kollox irrelevanti u dan ghaliex jirrizulta li sfortunatament ghaliha l-appellanti ma ottemperatx ruhha mal-istess disposizzjonijiet legali tassattivament imposti. B'hekk l-appell qed jigi michud ghaliex infondat fil-fatt u fid-dritt.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appell tas-socjeta' Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited datata 21 ta' Dicembru 2011 u tas-socjeta' GasanMamo Insurance Limited datata 4 ta' Jannar 2012 biss in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn premess, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Maria Spiteri fir-rikors tal-appell taghha datat 12 ta' Dicembru 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, u b'hekk din il-Qorti qed tikkonferma ghall finijiet u effetti kollha tal-Ligi d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet "Maria Spiteri vs Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Ltd et" datata 23 ta' Novembru 2011 (Rikors Numru 452/10 CSH).**

**Bl-ispejjez kontra l-appellanti Maria Spiteri.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------